Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 109/2018/1

**Joseph Micallef (appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita tal-Artijiet (appellant)**

30 ta' Lulju, 2019.

1. B'sentenza tas-6 ta' Mejju, 2019 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva laqa' l-appell tar-rikorrent u ħassar id-deċiżjoni tal-intimata tat-12 ta' Ottubru, 2018 li kienet titratta applikazzjoni sabiex tagħti *'No Objection in Principle': 'To proposed placing of tables and chairs at tas-Serena Restaruant, Triq Juan B. Azzopardi, Senglea'*. Ir-raġuni li tat l-intimata kienet:-

> *"Peress li l-applikant **ġia mogħti permess għal quddiem ir-restaurant u t-talba odjerna tirreferixxi għall-partijiet oħra inkluż li hemm oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali minħabba li jista' jkun ta' ostakolu għal tlugħ u inżul tad-dgħajjes**".*

2. It-Tribunal argumenta:-

> *"Illi t-Tribunal qiegħed jintalab jirrevedi deċiżjoni ta' awtorita pubblika li ċaħdet talba tar-rikorrent biex jingħata no objection in principle għal tpoġġija ta' mwejjed u siggijiet fuq art pubblika biswit skall fi Triq Juan B. Azzopardi, Isla. Ic-cahda hija msejsa fuq il-fatt li r-rikorrent kien diga inghata koncessjoni ghal tpoggija ta' mwejjed u siggijiet quddiem il-hanut tieghu filwaqt li wkoll kien hemm oggezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Isla minhabba li tali permess jista' jkun ta' ostakolu ghat-tlugh u nzul tad-dghajjes.*
>
> *Illi mir-ritratti esebiti jirrizulta illi effettivament is-sit li fuqu saret l-applikazzjoni odjerna huwa adjacenti ghal skall. Huwa fatt ukoll illi l-Kunsill Lokali tal-Isla oggezzjona ghat-tehid ta' l-art in kwisjtoni peress li l-istess art tintuza sabiex issir manutenzjoni tal-opri tal-bahar skond ftehim li sar bejn l-istess Kunsill u l-Ghaqda Sajjieda u Barklori (a fol. 66). Di piu` l-istess oggezzjoni hi msejjsa fuq il-fatt li l-post huwa wiehed ta' rikreazzjoni u mistrieh ghar-residenti.*

*Illi jirrizulta illi l-Awtorita` intimata tat piz ghal din l-oggezzjoni tant li fid-decizjoni taghha semmietha, pero`, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal mhux korrettement. Dan ghaliex fid-decizjoni taghha ma kinitx fidila ghal dak li ntqal fl-oggezzjoni, u cioe` li dik l-art tintuza ghall-manutenzjoni tal-opri tal-bahar, izda qalet li dak propost mir-rikorrent se johloq ostakolu ghat-tlugh u nzul tad-dghajjes. Wiehed jista' japprezza illi z-zewg cirkostanzi, ghalkemm jistghu ikunu b'xi mod relatati, huma distinti minn xulxin.*

*Dan qieghed jinghad ghaliex huwa ovvju li dak propost m'hu se johloq l-ebda ostakolu ghat-tlugh u nzul tal-opri tal-bahar u dan ghaliex l-imwejjed u s-siggijiet mhux se jitpoggew fl-iskall! Kwindi fejn id-decizjoni taghmel referenza ghall-ostakolu ta' tlugh u nzul ta' dghajjes dan huwa ghal kollox skorrett. It-Tribunal jasal biex jghid illi l-Awtorita` intimata zbaljat ukoll meta qieset l-oggezzjoni tal-Kunsill Lokali bhala wahda li ghandha tinghata piz biex tasal ghad-decizjoni odjerna. Dan ghaliex ma jirrizultax illi fuq l-istess art hemm xi permess da parti tal-Awtorita` intimata biex l-istess art tintuza ghall-iskop imsemmi fl-ittra tal-Kunsill. Apparti li ma ngabet l-ebda prova dwar dan il-ftehim, tali ftehim ma jidhirx li sar b'approvazzjoni tal-Awtorita` intimata jew tal-predecessur taghha. Kwindi l-Awtorita` intimata multa magis ma tistghax ticcita bhala raguni li fuq l-art in kwisjtoni qieghda ssir attivita` li ghaliha ma nhareg l-ebda forma ta' permess da parti taghha.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Awtorita` intimata m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-applikazzjoni odjerna u jkun ghaqli li din tigi riveduta. It-Tribunal jaghmilha cara illi huwa bl-ebda mod m'hu qed jidhol fil-mertu tal-applikazzjoni, u cioe` jekk l-applikazzjoni ghandhiex tintlaqa' jew le, u dan sabiex l-Awtorita` intimata tithalla fil-liberta` li terga' tevalwa mill-gdid l-applikazzjoni ghal dak propost mir-rikorrent.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal se jkun qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata".*

3. L-intimata appellat mis-sentenza u bl-aggravji jkunu:

   (a) It-Tribunal agħżel li jiddefenixxi l-attivita' tat-tlugħ u nżul tad-dgħajjes strettament u biss għall-użu tal-iskall innifsu meta dan ċertament mhux il-każ. L-attivita' tinvovli l-użu ta' area aktar wiesa' mill-viċinanzi immedjati tal-iskall, kemm fl-area biswit u wkoll il-karreġġata minn fejn igħaddu l-vetturi;

   (b) L-użu tal-menqa mis-sidien tad-dgħajjes m'għandhiex bżonn il-permess tal-Awtorita tal-Artijiet.

4. Ir-rikorrent wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

5. Ir-rikorrent għandu ristorant bl-isem tas-Serena Restaurant, fi Triq Juan Azzopardi, Senglea u diġa għandu imwejjed u siġġijiet fuq barra tar-restaurant.

6. Bl-applikazzjoni meritu tal-kawża, talab li l-intimata tawtorizza *no objection in principle*, sabiex ipoġġi siġġijiet u imwejjed fuq in-naħa l-oħra tat-triq (ara ritratti a fol. 63 u 64). Area li mhijiex faċċata tar-restaurant.

7. L-area li r-rikorrent irid li tingħata hi mal-*coastline* u tinsab ma' gemb *slipway*. Area li mill-filmat li ppreżenta r-rikorrent, permezz ta' nota tat-28 ta' Marzu, 2019, tidher li diġa' okkupata. Fil-fatt jidhru umbrelel, imwejjed għoljin u stools. Dan meta ma jirriżultax li l-intimata tat xi konċessjoni fuqha. Fatt li juri l-abbuż ta' okkupazzjoni ta' art pubblika mingħajr jedd, u l-awtoritajiet qegħdin jibqgħu passivi.

8. Fil-filmati l-oħra dak li suppost hu *promenade* biex jitgawda minn kulħadd hu mimli mwejjed, siġġijiet u umbrelel. Dak li jidher mill-filmati hi sitwazzjoni ta' *free for all*, fejn hu evidenti li l-awtoritajiet qegħdin jonqsu milli jiżguraw li l-operaturi ta' restaurants li qegħdin jokkupaw art pubblika, ma jitħallewx jagħmlu iktar li jridu. Wasal iż-żmien li l-awtoritajiet *get their act together* u jissalvagwardjaw l-interess pubbliku wkoll. Fil-filmat jidhru wkoll zewġ dgħajjes mitluqin fl-area in kwistjoni. Il-messaġġ li qiegħed jingħata hu li kif l-Awtorita tagħti *encroachment* sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika, l-operatur tar-ristorant jista' jagħmel li jrid għaliex ħadd mhu ser ikellmu u l-uniku obbligu li għandu hu li jħallas il-*fee* miżera li jħallas għall-użu ta' art pubblika.

9. L-istess raġunament japplika għall-bankini li suppost huma spazji liberi għall-użu tal-pedestrian li qiegħed isib ma' wiċċu *obstacle course*. Hemm diversi postijiet fejn il-pedestrian ikollu litteralment jinżel fit-triq minħabba li s-siġġijiet u mwejjed fuq il-bankina ma jippermettux li jimxi, igħaddi *b'pushchair* jew *wheelchair* b'kumdita.

10. Dan apparti l-imwejjed, siġġijiet, umbrelel u strutturi li qegħdin ifaqqsu f'*parking spaces* f'toroq prinċipali madwar Malta. L-imwejjed u siġġijiet mhuwiex posthom f'toroq li mhumiex *pedestrianised*.

11. Il-qorti żżid li l-fatt li hemm sidien ta' ristorants oħra li għandhom dik it-tip ta' konċessjoni, ma jfissirx li dan għandu jwassal li kull applikazzjoni tintlaqa' mill-Awtorita tal-Artijiet. Kull każ għandu jkun eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

12. F'ittra datata 12 ta' Lulju, 2018 il-Kunsill Lokali tal-Isla oġġezzjona għat-talba tas-Sirena Restaurant għaliex l-area in kwistjoni:

> *"…. tiġi użata mill-opri tad-dgħajjes bi ftehim mal-Għaqda Sajjieda u Barklori biex dawn l-istess opri jkunu jistgħu jagħmlu l-manutenzjoni tagħhom"*.

13. Ir-rampa li hemm ma ġemb l-islip way (ara tieni ritratt a fol. 63), hi fiha nnifisha indikazzjoni li dik l-area hi intenzjonata sabiex tintuża wkoll minn min jagħmel użu minn dik lis-*slip way*.

14. Waqt it-trattazzjoni quddiem it-Tribunal, id-difensur tar-rikorrent argumenta li *"… aħna nħossu li mhu se jkun hemm l-ebda nkonvenjent jew jirrestrinġi l-użu pubbliku tas-sit in kwistjoni għaliex il-qofol tar-rifjut kien propju dan"*. Il-qorti titbissem. Il-filmat li ppreżenta r-rikorrent tal-area in kwistjoni, hi l-aħjar prova kontra dak l-argument. Jekk tingħata l-konċessjoni, spazju miftuħ ser jingħalaq minn imwejjed, siġġijiet u umbrelel għall-benefiċċju ta' sid ta' restaurant u l-klijenti tiegħu. Dan meta llum fl-ispazju miftuħ hemm bankijiet pubbliċi sabiex dak l-ispazju jitgawda mill-pubbliku in ġenerali. Għalkemm id-difensur tar-rikorrent argumenta li l-bankijiet hemm ser jibqgħu, hu ovvju li mhux ser ikunu jistgħu jintużaw b'kumdita mill-pubbliku jekk l-area tiġi kollha okkupata minn imwejjed u siġġijiet.

15. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-każ mhemm xejn li l-Awtorita għandha bżonn li terġa' tikkunsidra. Fejn diġa' hemm spazju pubbliku mal-kosta li hu limitat, il-prijorita għandha tkun li dak l-ispazju jibqa' jitgawda mill-pubbliku in ġenerali u mhux mill-privat għal skopijiet ta' negozju. Dan iktar u iktar meta tqies li r-rikorrent diġa' jgawdi minn konċessjoni sabiex ipoġġi imwejjed u siġġijiet fuq barra tar-restaurant. Dan apparti li l-qorti mhijiex konvinta li tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrelel f'dik l-area mhux ser ikun ta' ostakolu għal min irid itella' u

jniżżel id-dgħajsa tiegħu mis-slipway li hemm ma' ġemb l-area in kwistjoni. Fejn ikun hemm *slip way*, hu utli li jitħalla spazju vojt li jkun jista' jintuża mis-sidien tad-dgħajjes waqt li jkunu qegħdin itellgħu jew iniżżlu d-dgħajjes tagħhom.

16. Inoltre, mhemmx dubju li d-diskrezzjoni li għandha l-Awtorita tal-Artijiet hi wiesa', u f'dan il-każ il-qorti ma tara l-ebda raġujni għalfejn kellha titħassar id-deċiżjoni li ttieħdet fit-12 ta' Ottubru, 2018.

**Għal dawn il-motivi tħassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tas-6 ta' Mejju, 2019 u tiċħad it-talba tar-rikorrent magħmula bir-rikors preżentat fis-6 ta' Novembru, 2010 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.**

Anthony Ellul.